# Programm ta’ Żvilupp Rurali 2014-2020

# Linji gwida dwar is-Sottomissjoni ta’ Talbiet għall-Ħlas marbuta ma’ Miżuri ta’ Investiment

## (Verżjoni 3.0)

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020**

Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta’ Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta’ Malta

***Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:***
***L-Ewropa tinvesti f’żoni rurali***

## Werrej


1.0 Daħla ... 3
2.0 Ftehim dwar l-Għotja ... 3
3.0 Formula tal-Bank għall-Ħlas ... 3
4.0 Ħlas bil-Quddiem ... 4
5.0 Ħlasijiet Interim ... 4
6.0 Talbiet għall-Rimborż ta' Ħlas ... 5
6.1 Ħlasijiet b'surrogazzjoni ... 6
7.0 Verifiki fuq Talbiet għall-Ħlas ... 6
8.0 Proċeduri ta' Xiri ... 7
9.0 Fiskalità tal-Fatturi ... 8
10.0 Prova Valida ta' Pagament ... 9
11.0 Rimborż tal-Pagi ... 11
12.0 Tnaqqis u Sanzjonijiet dwar Talbiet ta' Ħlas ... 11
13.0 Irkupru ta' Dejn ... 12
14.0 Manutenzjoni u Tibdil ta' Tagħmir ... 12
15.0 Prinċipji li jridu jiġu applikati mill-Benefiċjarju ... 13
16.0 Protezzjoni tad-Dejta ... 13
17.0 Rekwiżiti ta' Kontroll ... 13
18.0 Kontrolli qabel l-Aħħar Pagament ... 14
19.0 Kontrolli wara t-tmiem tal-Proġett ... 14
20.0 Obbligi ta' Reklamar tal-UE ... 14
21.0 Forza Maġġuri ... 15
22.0 Trasparenza ... 15
23.0 Emenda għal-Linji Gwida ... 15

## 1.0 Daħla

L-iskop ta’ dawn il-linji gwida hu li jipprovdi tagħrif ġenerali u għajnuna għal Benefiċjarji dwar miżuri ta’ investiment għal żvilupp rurali meta jissottomettu talbiet għal rimborż permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) taħt il-Programm ta’ Żvilupp Rurali għal Malta 2014-2020. Dawn il-linji gwida jipprovdu rekwiżiti dettaljati għas-sottomissjoni ta’ talbiet ta’ ħlas ta’ rimborż. Għandu jiġi notat li r-rekwiżiti applikabbli għal eleġibiltà taħt kull sottomiżura tal-Programm ta’ Żvilupp Rurali huma stabbiliti fil-linji gwida ta’ miżuri speċifiċi kif maħruġin minn żmien għal żmien mill-Awtorità ta’ Ġestjoni.

## 2.0 Ftehim dwar l-Għotja

Ġaladarba proposta ta’ Benefiċjarju tiġi magħżula u aġġudikata għotja, il-benefiċjarju ser ikun mistieden jidħol fi Ftehim dwar l-Għotja mal-Awtorità ta’ Ġestjoni (MA – Managing Authority). Wara l-firma tal-Ftehim tal-Għotja u suġġett għar-regoli ta’ eleġibbiltà tal-miżura speċifika, Benefiċjarju jista’ jibda jissottometti t-talbiet għall-ħlas lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (l-Aġenzija) għall-ipproċessar, verifika u fl-aħħar l-awtorizzazzjoni għall-ħlas.

## 3.0 Formula tal-Bank għall-Ħlas

Minnufih wara li jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Awtorità ta’ Ġestjoni u qabel is-sottomissjoni għal kull talba għal rimborż, il-Benefiċjarju għandu jiżgura li l-formula tal-bank għall-ħlas/identifikazzjoni finanzjarja tiġi sottomessa lill-Aġenzija. Dan hu meħtieġ biex jinħoloq profil tal-Benefiċjarju fis-sistema ta’ ħlasijiet tal-Aġenzija. Fin-nuqqas ta’ formula mimlija, l-ebda fond ma jista’ jitħallas lill-Benefiċjarju. Il-formula tista’ titniżżel mis-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt). Formoli oriġinali tal-bank, kompluti, għandhom jiġu sottomessi lill-Front Office, Il-Pitkalija, Ta’ Qali, L/O H’Attard jew fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, L-Għammieri, Il-Marsa jew fl-Uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Farm Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex.

Benefiċjarju jista’ wkoll jitlob li jiġi notifikat dwar ħlasijiet permezz ta’ SMS. Jekk il-benefiċjarju jiddeċiedi li jabbona għal dan is-servizz hu/hi għandu/għandha jimla/timla l-formula rilevanti li tista’ titniżżel mill-websajt tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt). Formoli kompluti għandhom jiġu sottomessi lill- Front Office, Il-Pitkalija, Ta’ Qali, L/O H’Attard jew fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, L-Għammieri, Il-Marsa jew fl-Uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Farm Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex.

## 4.0 Ħlas bil-Quddiem

Jekk il-Ftehim tal-Għotja jinkludi d-dispożizzjoni għall-ħruġ ta' ħlas bil-quddiem, mal-firma tal-Ftehim tal-Għotja, il-Benefiċjarju jista' jippreżenta talba lill-Aġenzija għall-ħruġ ta' dan il-ħlas. Il-ħruġ ta' ħlas bil-quddiem huwa bla preġudizzju għas-sottomissjoni ta' garanzija finanzjarja maħruġa minn istituzzjoni finanzjarja rikonoxxuta ekwivaleti għal 100% tal-ammont eleġibbli bħala ħlas bil-quddiem.

Mas-sottomissjoni tal-garanzija bankarja, l-Aġenzija ser tipproċedi biex toħroġ ħlas ekwivalenti għal 50% tal-ispejjeż eleġibbli tal-komponent tal-investiment approvat għall-proġett, kopert bil-garanzija msemmija hawn fuq. Il-ħlas ser jiġi depożitat fil-kont tal-bank indikat mill-Benefiċjarju fil-formula tal-ħlas tal-bank rispettiva.

Sabiex tiġi rilaxxata l-garanzija finanzjarja, il-Benefiċjarju għandu jippreżenta fatturi suffiċjenti, akkumpanjati bil-prova valida ta' ħlas rispettiv, ekwivalenti għall-ammont tal-Ħlas bil-Quddiem imħallas wara t-tlestija tal-proġett.

## 5.0 Ħlasijiet Interim

Benefiċjarju jista' jissottometti talbiet għall-ħlasijiet *interim* b'konformità mal-iskeda ta' żburżar inkluża fil-Fteħim tal-Għotja. Dawn il-ħlasijiet ser isiru f'lottijiet. B'kollox, dawn il-lottijiet ma jistgħux jaqbżu 80% tal-ispejjeż eleġibbli totali u għandhom jitħallsu mal-preżentazzjoni tal-fatturi relattivi u prova valida ta' ħlas kif ukoll kull dokumentazjoni t'appoġġ meħtieġa għall-verifika tat-talba għall-ħlas.

Meta Benefiċjarju jieħu vantaġġ minn faċilità ta' ħlas bil-quddiem, il-Benefiċjarju jista' jitlob aktar ħlasijiet *interim* li jammontaw għal 30% tal-ispiża eleġibbli. Ħlas bħal dan għandu jinħareġ mill-Aġenzija wara s-sottomissjoni ta' talba għall-ħlas ta' rimborż mill-Benefiċjarju; it-talba trid tkun akkumpanjata bil-fatturi kollha meħtieġa u prova valida ta' ħlas kif ukoll dokumentazzjoni oħra rilevanti ta' sostenn kif meħtieġ skont il-linji gwida fil-miżura. L-ammont finali, ekwivalenti għal 20% tal-ispiża eleġibbli għandha tinħareġ mill-Aġenzija wara t-tlestija tal-proġett. Il-Benefiċjarju għandu jissottometti talba ta' rimborż għall-aħħar 20% ġaladarba l-komponenti finali jkunu mitmuma u l-pagamenti tħallsu kollha. Qabel il-ħlas finali l-Aġenzija tista tagħmel verifiki fuq il-post sabiex tikkonferma li l-proġett ikun tlesta b'konformita mal-patti u l-kundizzjonijiet miftehma mal-Ftehim tal-Għotja jkun twettaq.

Bis-sottomissjoni tal-aħħar talba għall-ħlas (*final claim*) akkumpanjata mid-dikjarazzjoni li tinsab f'Anness 1 (li tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Aġenzija [www.arpa.gov.mt](http://www.arpa.gov.mt)) benefiċjarju jkun qed jiddikjara:

- li l-proġett tlesta b'konformità mal-proġett approvat;
- li x-xogħlijiet kollha rilevanti tlestew;

- li kull struttura mibnija bħala parti mill-proġett qed taħdem i.e. qed tintuża għall-użu li għalih kienet maħsuba oriġinarjament fl-applikazzjoni tal-ftehim tal-għotja;
- li kull tagħmir akkwistat bħala parti mill-proġett huwa installat, kummissjonat, qed jaħdem b'mod sħiħ u jintuża regolarment.

Talba għall-ħlas finali tiġi rifjutata jekk din id-dikjarazzjoni ma tiġix sottomessa.

## 6.0 Talbiet għall-Rimborż ta' Ħlas

Bħala regola ġenerali talbiet għall-ħlas għandhom jikkonsistu minn:

- Formula għal talba ta' ħlas (disponibbli mill-websajt tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt);
- Fattura/i pertinenti għas-servizz, forniment jew ħidmiet provduti u li għalihom qed issir it-talba bħala parti mit-talba ta' ħlas rilevanti (irreferi għal Taqsima 9 għad-dettalji li għandhom ikunu fil-fattura/i); u
- Prova valida ta' ħlas fir-rigward ta' kull fattura sottomessa bħala parti mit-talba tal-ħlas (irreferi għal Taqsima 10 għal dettalji ta' x'jikkonsisti prova valida ta' pagament);
- ***Evidenza fotografika ta' kull provvista jew xogħol kopert bit-talba għall-ħlas.*** Dan hu mingħajr preġudizzju għall-prestazzjoni ta' mawriet u/jew verifiċi fuq il-post mill-Aġenzija;
- Fil-każ ta' xogħol strutturali, it-talba trid tiġi sostnuta b'kont tal-kwantitajiet attestati minn perit bil-*warrant* li jkopri l-ammont/i fatturat/i. Il-kont tal-kwantitajiet irid jiġi sostnut b'evidenza fotografika tax-xogħlijiet, li jinkludi evidenza tax-xogħlijiet fil-fażijiet differenti sabiex tingħata prominenza lil ċertu strutturi li jistgħu ma jkunux viżibbli malli x-xogħol jitlesta.

Il-formula għal talba ta' ħlas għandha timtela mill-Benefiċjarju li għandu jipprovdi informazzjoni suffiċjenti u ċara li jippermetti 'l-Aġenzija tistabilixxi liema oġġetti tal-ftehim kuntrattwali qed issir talba għall-rimborż għalihom, kif ukoll dettalji rilevanti għall-fatturi u prova tal-ħlas li qed jiġi sottomess.

Formula ta' talba tal-ħlas oriġinali għandha tiġi preżentata u ffirmata mill-Benefiċjarju. Il-fatturi oriġinali kollha u l-prova tal-ħlas għandhom jiġu sottomessi wkoll u għandhom jiġu sostnuti b'dokumentazzjoni marbuta mal-proċess t'akkwist eż. kwotazzjonijiet, rapporti ta' evalwazzjoni ta' sottomissjonijiet għall-offerta, kuntratt għal forniment jew servizz, eċċ.

L-Aġenzija tista' minn żmien għal żmien toħroġ lista ta' dokumentazzjoni meħtieġa biex issostni it-talbiet ta' ħlas taħt il-Miżuri differenti previsti f'RDP 2014-2020.

Talbiet għall-ħlas għandhom jiġu sottomessi lill-Front Office, Il-Pitkalija, Ta' Qali, L/O H'Attard jew fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, L-Għammieri, Il-Marsa jew fl-Uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Farm Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex.

L-Aġenzija ser tirreġistra u toħroġ irċevuta għal kull talba għall-ħlas.

## 6.1 Ħlasijiet b'surrogazzjoni

L-entitajiet pubbliċi inklużi l-Kunsilli Lokali jistgħu jibbenefikaw minn faċilità li permezz tagħha l-Aġenzija tista' tagħmel il-ħlas direttament lill-assenjatarju tal-benefiċjarju, jiġifieri ħlas direttament lill-kuntrattur jew fornitur jew fornitur ta' servizz. F'każijiet bħal dawn, il-benefiċjarju huwa meħtieġ li:

- Jinforma lill-Aġenzija li s-surrogazzjoni għandha tiġi applikata fir-rigward ta' pagamenti taħt il-proġett rispettiv;
- Jiffirma ftehim mal-fornitur, il-kuntrattur jew il-fornitur tas-servizz li jispeċifika li l-Aġenzija se tirrimborsa biss in-nefqa eliġibbli taħt il-miżura rispettiva, li l-ebda dewmin fil-pagamenti ma jista' jiġi impost mill-assenjatarju lill-Aġenzija u f'każ ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-assenjatarju (wara l-kontrolli), dan ta' l-aħħar jista' jitlob biss it-tnaqqis tal-ħlas korrispondenti lill-benefiċjarju, u mhux lill-Aġenzija; u
- Jissottometti formola ta' pagament tal-bank mimlija inkluż id-dettalji tal-kont bankarju tal-kuntrattur jew tal-fornitur.

La darba l-Aġenzija tkun sodisfatta li dak li ntqal hawn fuq ġie implimentat, il-benefiċjarju jista' jipproċedi biex jissottometti talbiet għall-ħlas flimkien mal-fattura rispettiva iċċertifikata korretta mill-*Project Leader*, kif ukoll kwalunkwe dokumentazzjoni oħra meħtieġa għall-verifika tan-nefqa.

Jekk wara kontrolli amministrattivi u dawk neċessarji fuq il-post tikkonkludi li talba għall-ħlas tkun eliġibbli, l-Aġenzija toħroġ ħlas lill-fornitur / kuntrattur għall-ammont mitlub fuq il-fattura; jekk wara li jitlestew il-kontrolli, jirriżulta li parti mill-talba m'hix eliġibbli skont il-ftehim tal-għotja, jew li sanzjonijiet għandhom jiġu applikati, l-Aġenzija tħallas lill-fornitur / kuntrattur biss il-valur eliġibbli tal-fattura. Wara l-ħruġ tal-pagament, l-Aġenzija ser tipprovdi lill-benefiċjarju bid-dettalji tal-pagament u se tinforma lill-benefiċjarju biex iħallas kwalunkwe ammont ineliġibbli direttament lill-kuntrattur mill-fondi proprji tiegħu. Il-fornitur / kuntrattur huwa meħtieġ li jippreżenta prova tal-ħlas (riċevuta fiskali) għall-ammont sħiħ tal-fattura inkluż l-ammont nett u l-element tal-VAT. Il-fornitur / kuntrattur għandu joħroġ il-fatturi kollha f'isem il-benefiċjarju.

## 7.0 Verifiki fuq Talbiet għall-Ħlas

L-Aġenzija ser twettaq għadd ta' verifiki dwar talbiet ta' ħlas. Il-verifiki jinkludu imma mhumiex ristretti għal verifika ta' konformità mar-regolamenti dwar ix-xiri pubbliku, verifika fuq il-korrettezza u l-kompletezza tal-informazzjoni inkluża fit-talba għall-ħlas billi jiġu paragunati mad-dokumentazzjoni reali, verifiki fuq dokumentazzjoni ta' sostenn, eċċ.

L-Aġenzija ser iżżomm id-dritt li tirrifjuta kull talba ta’ ħlas jekk din mhux ta’ kwalità suffiċjenti jew ma fihiex id-dettalji rilevanti kollha. F’dan ir-rigward, talba għall-ħlas li jkun fiha tagħrif inkorrett jew nieqes ser tiġi rifjutata u mibgħuta lura lill-benefiċjarju permezz tal-posta elettronika kif ukoll bħala ittra reġistrata. Meta tagħmel hekk l-Aġenzija ser toħroġ ittra ta’ rifjut li tinkludi dettalji tar-raġuni għar-rifjut tat-talba.

L-Aġenzija tista’ wkoll titlob lill-benefiċjarju jissottometti kjarifikazzjonijiet jew dokumentazzjoni addizzjonali; skont in-natura tal-kjarifikazzjonijiet mitluba, l-Aġenzija għandha tistabilixxi data ta’ skadenza għas-sottomissjoni ta’ tagħrif addizzjonali jew kjarifikazzjonijiet liema skadenza m’għandhiex taqbeż 10 ijiem ta’ xogħol mit-talba mibgħuta bil-posta elettronika jew permezz ta’ ittra reġistrata. Fin-nuqqas li l-benefiċjarju ma jissottomettix il-kjarifika mitluba fil-qafas taż-żmien stipulat ser iwassal għal rifjut tat-talba għall-ħlas. Kull talba rifjutata u dokumentazzjoni ta’ sostenn tintbagħat lura lill-benefiċjarju permezz ta’ imejl kif ukoll b’ittra reġistrata.

## 8.0 Proċeduri ta’ Xiri

B’rispett għar-Regolamenti tal-UE, l-Aġenzija għandha tenfasizza li kull proċedura ta’ xiri segwita bħala parti mill-implimentazzjoni ta’ proġetti ffinanzjati permezz ta’ fondi tal-Iżvilupp Rurali inkluż proċeduri segwiti minn entitajiet privati u NGOs, għandhom ikunu konformi mar-Regolamenti dwar ix-Xiri Pubbliku.

Meta kwotazzjonijiet għal xogħlijiet, fornimenti jew servizzi jiġu mitluba, kull kwotazzjoni għandha tiġi akkwistata minn għand minimu ta’ tliet fornituri differenti u indipendenti. Kwotazzjonijiet għandhom ikunu komparabbli fi speċifikazzjonijiet mudellari, xogħlijiet li jridu jitwettqu jew servizzi li jridu jiġu fornuti.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu datati mhux qabel sitt (6) xhur mill-bidu tax-xogħlijiet, il-provvista jew is-servizz. Jekk kwotazzjoni inħarġet minn kuntrattur, fornitur jew fornitur ta’ servizz aktar minn sitt (6) xhur qabel il-bidu tax-xogħlijiet, provvista jew servizz, il-kuntrattur, fornitur jew fornitur ta' servizz għandu joħroġ dikjarazzjoni li tindika li l-offerta għadha valida.

Kwotazzjonijiet oriġinali biss huma aċċettati. Jekk fornitur joħroġ kwotazzjoni b’mod elettroniku u jibgħata lill-benefiċjarju permezz ta’ imejl, il-benefiċjarju għandu jissottometti kopja tal-imejl mill-fornitur.

Il-fornituri kollha għandu jkollhom fil-pussess tagħhom numru ta’ reġistrazzjoni tal-VAT validu mad-Dipartiment tal-VAT. Jekk xi wieħed minn dawn it-tliet fornituri jinstab li m’għandux numru ta’ reġistrazzjoni tal-VAT validu, jew jinstab li huma relatati ma’ xulxin, l-Aġenzija żżomm id-dritt li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji b’konformità mal-linji gwida applikabbli maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Dan l-approċċ hu f’konformità mal-prinċipji bażiċi ta’ trasparenza, oġġettivita, mhux diskriminatorju u bi żvelar xieraq kif meħtieġ mir-regolamenti rilevanti li jirregolaw l-iżborżar tal-fondi ta’ Żvilupp Rurali.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jinkludu d-dettalji fiskali meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu vverifikati d-dettalji tal-fornituri, b'mod partikolari n-numru tal-VAT u l-isem tal-organizzazzjoni kif ukoll l-isem u n-numru tal-VAT tal-Benefiċjarju. Kwotazzjonijiet għandhom jiġu datati, mogħtija numru ta' riferiment u deskrizzjoni ċara tal-oġġett, servizz jew xogħol li jridu jiġu fornuti, bl-ispeċifikazzjonijiet kollha u l-kwantitajiet meħtieġa ta' oġġetti, il-prezz għal kull oġġett u l-ammont nett. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu l-għamla, dimensjonijiet, attribwiti marbuta mal-enerġija u l-kwalità tal-materjal.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jinkludu t-tqassim tal-oġġetti li qed jiġu kwotati, ammont nett, ir-rata ta' VAT rilevanti applikabbli, l-ammont ta' VAT u l-ammont gross inklussiv ta' VAT. Jekk kwotazzjoni ma tispeċifikax jekk il-prezz totali jinkludix il-VAT jew le, huwa mifhum li l-kwotazzjoni tkun tinkludi l-VAT. Bħala riżultat wieħed għandu jeskludi l-ammont mingħajr VAT sabiex jelimina l-element tal-VAT meta jidentifika l-ispiża eleġibbli. Dan hu wkoll b'konformità mal-Att dwar il-VAT. F'każijiet meta l-kwotazzjonijiet juru li l-fornitur huwa eżentat mill-VAT biss l-Aġenzija ma tnaqqasx il-komponent ta' VAT mill-ammont totali kkwotat.

Barra minn hekk, kwotazzjonijiet iġġenerati bil-kompjuter b'emendi bil-pinna jew lapes ma jiġux aċċettati.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jipprovdu wkoll tqassim tal-prezz ta' kull oġġett, li hu importanti ħafna speċjalment jekk id-deskrizzjoni tal-oġġett ikun fih komponenti ta' spejjeż li jistgħu ma jkunux eleġibbli skont in-noti ta' gwida għal applikazzjonijiet.

F'konformità mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, nefqa relatata ma' operaturi ekonomiċi li nstabu ħatja ta' reat kriminali huma kkunsidrati li huma ineliġibbli għall-finanzjament u dawn l-ispejjeż mhumiex se jiġu rimborżati mill-Aġenzija.

L-Aġenzija żżomm id-dritt li tapplika tnaqqis u sanzjonijiet jekk il-verifiki jirrivelaw li l-kwotazzjonijiet sottomessi mhumiex konformi mar-rekwiżiti t'hawn fuq.

## 9.0 Fiskalità tal-Fatturi

Il-fatturi għandhom ikunu ċari u validi skont it-tnax-il skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta), li tistipula x'għandha tinkludi fattura tat-taxxa.

B'mod ġenerali, fattura tat-taxxa għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

- Id-data tal-ħruġ
- Numru sekwenzjali li jidentifika b'mod uniku l-fattura;
- L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-fornitur;
- L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-klijent;
- Deskrizzjoni suffiċjenti li tidentifika l-kwantità u n-natura tal-oġġetti jew il-firxa u n-natura tal-oġġetti jew il-firxa u n-natura tas-servizzi applikati;
- Tqassim tal-prezz f'każ ta' oġġetti jew servizzi multipli f'fattura waħda u t-tqassim tal-prezz b'distinzjoni ċara tal-ammonti li jeskludu l-VAT, l-element ta' VAT u t-total gross tal-fattura.

- Id-data li l-provvista ġiet fornuta jew tlestiet jew id-data li fiha sar pagament f'kont ta' fornitur;
- Il-valur taxxabbli skont ir-rata jew eżenzjoni, il-prezz ta' kull unità eskluża mit-taxxa u kull skont jew roħs jekk ma jiġix inkluż fil-prezz ta' kull unità;
- L-ammont ta' taxxa taxxabbli, jekk inhu l-każ, f'kull rata taxxabbli;
- L-ammont totali ta' taxxa taxxabbli, jekk inhu l-każ.

Fatturi oriġinali biss huma aċettati b'talbiet ta' ħlas. Jekk fornitur joħroġ fattura b'mod elettroniku u jibgħatha lill-benefiċjarju permezz ta' imejl, il-benefiċjarju għandu jissottometti kopja tal-imejl mill-fornitur.

Dikjarazzjonijiet (*statements*) ma jistgħux jiġu kkonsidrati bħala sostituzzjonijiet għall-fatturi u għalhekk mhumiex ikkonsidrati validi. Madanakollu, talbiet għall-ħlas huma kkonsidrati li huma ekwivalenti għal fattura kemm-il darba d-dettalji kollha li jinkludu d-data tal-ħruġ, numru tat-talba, isem, indirizz u n-numru tal-VAT tal-fornitur u l-isem, indirizz u n-numru tal-VAT tal-klijent ikunu kollha preżenti. Barra minn hekk, f'każ ta' talba għall-ħlas, irċevuta tal-VAT għandha tiġi sottomessa. Jekk din tkun iġġenerata bil-kompjuter allura jrid ikollha numru EXO li tapprova din il-proċedura.

Il-fatturi għandhom dejjem jiġu maħruġa f'isem il-Benefiċjarju bħala l-klijent. Dan hu importanti ħafna peress li hu l-benefiċjarju li qed jirċievi l-ħlasijiet mill-fondi taħt dawn il-Miżuri, għalhekk għandu jkun il-benefiċjarju li jitgħabba bl-ispejjeż tat-tlestija tal-proġett.

Irċevuti fiskali maħruġa minn *cash registers* għandhom jinkludu n-numru tal-VAT tal-Benefiċjarju u għandhom ikunu akkumpanjati b'fattura/bejgħ bi flus kontanti. Dokumenti miktuba bl-idejn huma aċċettati wkoll kemm-il darba dokumenti bħal dawn ikunu ffirmati mill-fornitur.

## 10.0 Prova Valida ta' Pagament

Talbiet ta' ħlas u fatturi għandhom ikunu akkumpanjati bi prova valida ta' ħlas biex jintwera li t-transazzjoni rilevanti ta' pagament bejn il-benefiċjarju u l-fornitur/kuntrattur/fornitur tas-servizz tkun fil-fatt saret.

Li ġejjin huma kkunsidrati bħala prova valida ta' ħlas:

- Irċevuta fiskali tal-VAT/ Irċevuta tal-*cash register*. Irċevuta ta' flus kontanti maħruġa permezz ta' sistema kompjuterizzata li ġiet awtorizzata mid-Dipartiment tal-VAT u tinkludi numru EXO; jew
- Trasferiment bankarju/transazzjoni rilevanti f'dikjarazzjoni ta' bank; jew
- Immaġni ta' ċekk imsarraf.

F'każ ta' rimborż ta' pagi, bonusis, supplimenti ta' dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali, għandu jintalab dan li ġej bħala prova ta' ħlas:

- *Payslips* li jinkludu n-numru PE;

- Referenza taċ-ċekk/dettalji tat-trasferiment bankarju għandu jkun preżenti fuq il-payslips;
- Immaġni ta' ċekk imsarraf jew irċevuta ta' transazzjoni permezz tal-*internet banking* biex jintwera li l-pagi tassew ġew imħallsa;
- Talbiet għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ikunu sostnuti bi prova ta' ħlas (immaġni ta' ċekkijiet imsarraf jew irċevuta ta' transazzjoni bankarja) kif ukoll kopja tal-FS5 sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (IRD) u l-irċevuta korrispondenti mogħtija mill-IRD.

Kull prova ta' ħlas għandha tkun datata qabel id-data ta' skadenza tal-kuntratt. Barra minn hekk kull prova ta' ħlas u fattura għandha tiġi datata wara l-bidu tal-perijodu ta' eleġibilità kif indikat fil-linji gwida ta' eleġibilità rilevanti.

M'għandux ikun hemm xi għamla ta' korrezzjonijiet mwettqa bil-pinna jew lapes jew bit-tejp/fluwidu ta' korrezzjoni peress li dan jagħmel l-irċevuta/fattura ineleġibbli. Huwa rakkomandat li rċevuti fiskali maħruġa permezz ta' *cash registers* jiġu fotokopjati (hekk kif jinħarġu) peress li dawn jintfew u jagħmlu l-istampar illeġibbli.

F'każijiet ta' ħlasijiet b'surrogazzjoni kif spjegat fit-taqsima 6.1, l-ebda prova ta' ħlas m'hija meħtieġa fl- stadju ta' sottomissjoni ta' talba għall-ħlas. Madankollu, irċevuta fiskali għall-ammont tal-fattura sħiħa għandha tinħareġ mill-fornitur / kuntrattur fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol mid-data tal-eżekuzzjoni tal-ħlas mill-Aġenzija. Il-fornitur / kuntrattur għandu joħroġ l-irċevuti f'isem il-benefiċjarju. Kopja tar-riċevuta fiskali sottomessa mill-fornitur / kuntrattur lill-Aġenzija se tiġi riferuta lill-benefiċjarju għar-rekords tiegħu.

## 11.0 Rimborż tal-Pagi

Miżura 19 tipprevedi r-rimborż ta' spejjeż attwali għal Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) li jinkludu pagi, bonusis, supplimenti ta' dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Għall-ipproċessar ta' talbiet bħal dawn, l-Aġenzija tkun teħtieġ is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni li ġejja sabiex tassessja l-eleġibilità ta' spejjeż:

- Kopja tal-kuntratt t'impjieg tal-impjegat mal-GAL;
- Ċertifikat tal-Jobsplus li jikkonferma l-impjieg mal-GAL;
- Skedi għal kull impjegat iċċertifikati korretti miċ-Ċerpersin jew Membru tal-Bord tal-GAL fil-każ ta' paga ta' Maniġer tal-GAL u tal-Maniġer tal-GAL fil-każ tal-paga ta' Segretarju tal-GAL li tikkonferma l-għadd ta' sigħat maħduma.

## 12.0 Tnaqqis u Sanzjonijiet dwar Talbiet ta' Ħlas

Meta talba għall-ħlas ikollha spejjeż ineleġibbli li jiddaħħlu b'mod ċar mill-Benefiċjarju bil-għan li jiksbu ħlasijiet f'manjiera irregolari, tnaqqis u sanzjonijiet għandhom jiġu applikati b'konformità ma' Artiklu 63 tar-Regolament (UE) Nru 809/2014, għajr meta l-benefiċjarju jista' jipprovdi ġustifikazzjoni għall-ispiża ineleġibbli mitluba.

It-tnaqqis li jrid jiġi applikat hu kalkulat f'dan il-mod:

Jekk il-valur tal-ispejjeż ineleġibbli huma aktar minn 10% tal-valur totali tat-talba għall-ħlas, allura sanzjoni ekwivalenti għall-valur tad-diskrepanza tiġi miżjuda mat-tnaqqis mill-ammont eleġibbli stabbilit mit-talba għall-ħlas qabel mal-ħlas jiġi proċessat għal awtorizzazzjoni.

L-Aġenzija ser tapplika wkoll tnaqqis f'sitwazzjonijiet li jagħtu lok għal konflitt ta' interess bħal fil-każ ta' fornituri relatati, fornituri li għandhom relazzjoni diretta mal-Benefiċjarju, kumpaniji li fihom il-Benefiċjarju jew rappreżentant tal-Benefiċjarju għandhom kontroll dirett jew ishma fihom, eċċ. nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti t'akkwist, eċċ. F'dan ir-rigward l-Aġenzija ser tagħmel it-tnaqqis meħtieġ b'konformita mal-*Linji Gwida li jistabilixxu korrettezza finanzjarja f'każ ta' spejjeż finanzjati mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, fin-nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' xiri pubbliku* tal-Kummissjoni Ewropea. Kopja ta' dawn il-linji gwida hija disponibbli fuq is-sit tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt.

## 13.0 Irkupru ta’ Dejn

Jekk l-Aġenzija tidentifika xi ħlasijiet mhux dovuti maħruġa lil Benefiċjarju jew tinduna li saru xi irregolaritajiet mill-Benefiċjarju, l-Aġenzija tibda proċeduri ta’ rkupru tad-dejn. Benefiċjarju ser jiġi notifikat dwar dejn permezz ta’ notifika mibgħuta lill-istess benefiċjarju b’ ittra elettronika u sussegwentement bil-posta reġistrata. Ittra bħal din ser tinkludi l-ammont li jrid jiġi rkuprat u r-raġuni għall-irkupru ta’ dawn l-ammonti. Kif jirċievi n-notifika dwar id-dejn, il-Benefiċjarju hu meħtieġ li jew jaċċetta d-dejn jew joġġezzjona għalih.

Jekk il-Benefiċjarju jaċċetta d-dejn, hu għandu jimla formula t’Aċċettazzjoni tad-Dejn li jkun ifisser li l-benefiċjarju ikun irid ikollu l-ammont imsemmi mnaqqas minn xi pagamenti li jkunu ġejjin. Jekk il-Benefiċjarju ma jkollux xi pagamenti ġejjin, id-dejn irid jitħallas fi żmien 30 jum tal-kalendarju mid-data tan-notifika.

Jekk min-naħa l-oħra l-Benefiċjarju ma jaqbilx mad-dejn, formula ta’ Oġġezzjoni għandha tiġi mimlija u sottomessa lill-Aġenzija fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tad-dejn. L-oġġezzjonijiet sottomessi lill-Aġenzija ser jiġu rivisti mill-Bord tal-Oġġezzjonijiet tal-Aġenzija. Il-Benefiċjarju ser jiġi notifikat bil-miktub dwar id-deċiżjoni tal-Bord biex jaċċetta jew jirrifjuta tali Oġġezzjoni.

Dawn iż-żewġ formoli jistgħu jitniżżlu mll-websajt tal-Aġenzija www.arpa.com.mt u jistgħu jiġu sottomessi lill-*Front Office*, Il-Pitkalija, Ta’ Qali, L/O H’Attard jew fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, L-Għammieri, Il-Marsa jew fl-Uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Farm Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex.

Jekk il-benefiċjarju ikollu xi dejn pendenti wara li jgħaddu 60 jum kalendarji mid-data tan-notifika u ma jkunx issottometta aċċettazzjoni tad-dejn u lanqas oġġezzjoni, ser jiġi applikat imgħax b’rata ta’ 8% b’konformita mar-Regolament tal-UE Nru 1122/2009, Direttiva tal-UE 2011/7 u Artikolu 1852 ta’ Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

## 14.0 Manutenzjoni u Tibdil ta’ Tagħmir

Huwa importanti li tinnota li spejjeż dovuti għal manutenzjoni ta’ tagħmir mhumiex eleġibbli u ma jistax jitħallas minn FAEŻR, lanqas fil-każ ta’ tagħmir akkwistat jew ħidmiet infrastrutturali kofinanzjati permezz ta’ FAEŻR. Għalhekk, spejjeż ta’ manutenzjoni dovuti għas-sostenibilità tal-investiment ġaladarba l-għotja ta’ FAEŻR tkun eżawrita, għandhom isiru mill-Benefiċjarju.

Barra minn hekk, tibdil ta’ tagħmir eżistenti ma jistax jiġi ffinanzjat permezz ta’ fondi oħra tal-UE. Spejjeż bħal dawn ma jistgħux jiġu mħallsa mill-applikant u għalhekk huma ineleġibbli.

Meta jinxtara tagħmir permezz tal-FAEŻR, huwa importanti li t-tagħmir jintuża għar-raġunijiet speċifiċi li għalih kien inxtara u b’konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt. Id-dokumentazzjoni kollha marbuta max-xiri u l-użu tat-tagħmir trid tiġi infilzata u inventarju tat-tagħmir kollu jrid jitħejja u jinżamm mill-imsemmi Benefiċjarju.

Il-Benefiċjarju jrid jiżgura li:

- It-tagħmir jiġi bil-garanziji xierqa;
- Jekk tirriżulta xi ħsara fit-tagħmir, id-dokumentazzjoni kollha rigward it-tiswija għandha tinżamm;
- Jekk it-tagħmir mixtri jkun jeħtieġ li jiġi mibdul, kemm il-kodiċi serjali qadim u anke dak ġdid għandhom jinżammu. It-tagħmir il-ġdid irid ukoll iwettaq l-istess funzjonijiet tat-tagħmir li qed jiġi sostitwit u jrid ikollu l-istess speċifikazzjonijiet jew ogħla tat-tagħmir li qed jiġi mibdul. Il-benefiċjarju irid jinforma l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali li t-tagħmir ġie sostitwit u jipprovdi d-dokumentazzjoni meħtieġa;
- Ir-rekwiżiti rilevanti ta' publiċità tal-UE jridu jkunu jidhru fuq it-tagħmir mixtri skont taqsima 20.0 dwar l-Obbligi ta' Reklamar tal-UE.

## 15.0 Prinċipji li jridu jiġu applikati mill-Benefiċjarju

Jekk proposta tiġi magħżula għal finanzjament, il-Benefiċjarju ser ikun marbut mal-prinċipji ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja soda u kull leġiżalazzjoni rilevanti tal-UE jew nazzjonali.

## 16.0 Protezzjoni tad-Dejta

Kull informazzjoni tiġi proċessata b'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Dejta, Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta. Bis-sottomissjoni ta' talbiet għall-ħlas, il-Benefiċjarju ikun/tkun qed jagħti/tagħti l-kunsens tiegħu/tagħha li jkollu/jkollha d-dettalji tal-Benefiċjarju u l-proġett ippubblikati b'konformita mal-obbligi fir-Regolamenti tal-Kunsill u l-Kummissjoni rilevanti. Minbarra hekk, din l-informazzjoni ser tintuża wkoll għal skopijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

## 17.0 Rekwiżiti ta' Kontroll

Kontrolli jistgħu jsiru mill-awtoritajiet kompetenti li ġejjin:

- L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA);
- L-Awtorità ta' Ġestjoni (MA) bħala l-awtorità responsabbli għall-implimentazzjoni ta' Programm ta' Żvilupp Rurali;
- Id-Direttorat tal-Verifiċi Interni u Stħarriġ (IAID – Internal Audit and Investigations Directorate) bħala l-Entità ta' Ċertifikazzjoni (CB – Certifying Body);

- L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifiċi (NAO – National Audit Office) in vista tal-fatt li fondi pubbliċi qed jiġu utilizzati għall-implimentazzjoni tal-investimenti;
- Is-servizzi ta' verifika tal-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA – European Court of Auditors) in vista tal-fatt li l-investiment qed igawdi minn fondi tal-UE;
- Il-Bord ta' Monitoraġġ ta' Għajnuna Statali (SAMB – State Aid Monitoring Board) biex jiżgura li l-proġett qed/ġie mplimentat b'konformità ma' regolamenti ta' għajnuna statali;
- Id-Dipartiment tal-VAT biex jiżgura li r-regolamenti tal-VAT ġew rispettati.

Il-Benefiċjarju jrid jinnota li bl-iffirmar tal- Fteħim tal-Għotja hu/hi qed j/tissottoponi ruħu/ruħha għall-obbligu li jsiru l-imsemmija verifiċi t'hawn fuq.

## 18.0 Kontrolli qabel l-Aħħar Pagament

Żjarat fuq il-post ser isiru fuq il-proġetti kollha biex jiġi verifikat it-twettieq tal-investiment.

L-applikazzjonijiet għal ħlas jistgħu jiġu verifikati wkoll permezz ta' verifiki fuq il-post qabel il-ħruġ tal-aħħar pagament. Il-kontroll jivverifika li l-impenji ġew rispettati mill-Benefiċjarju.

## 19.0 Kontrolli wara t-tmiem tal-Proġett

L-applikazzjonijiet li ngħataw ħlas jistgħu jiġu verifikati permezz ta' verifiki eks-post wara li l-proġett ikun intemm għal sa perijodu ta' 5 snin wara d-data tal-aħħar pagament. Kontroll bħal dan jivverifika u jikkonferma li l-Benefiċjarju jkun qagħad għall-kundizzjonijiet stipulati bl-għajnuna li huma:

- Li ma nbidilx l-użu tal-investiment għal ħames (5) snin wara l-ħruġ tal-aħħar pagament;
- Li baqa' f'attività ta' biedja għal ħames (5) snin wara l-ħruġ tal-aħħar pagament.

## 20.0 Obbligi ta' Reklamar tal-UE

Ir-reklamar huwa parti integrali tal-proġett. Il-Benefiċjarju jrid ikun konxju mis-sors ta' finanzjament li permezz tiegħu hu/hi qed jingħata/tingħata l-għotja. Barra minn hekk, mat-tlestija tal-proġett, il-Benefiċjarju jrid jiżgura li r-rekwiżiti ta' reklamar meħtieġa tal-UE jiġu aderiti (eż. stikers li jindikaw is-sors ta' kofinanzjament jiġu mwaħħla mat-tagħmir kollu akkwistat permezz tal-għotja tal-UE u plakka titqiegħed f'post prominenti għal viżitaturi biex ikunu konxji li l-investiment ġie kofinanzjat permezz ta' fondi tal-UE).

## 21.0 Forza Maġġuri

Forza maġġuri ġeneralment hi konsidrata li timplika ċirkostanza abnormali jew mhix prevedibbli lil hinn mill-kontroll tal-Benefiċjarju, li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġi evitati b'azzjoni raġonevoli. F'każijiet ta' forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali benefiċjarju għandu jinnotifika lill-Aġenzija bil-miktub inkluż kull dokumentazzjoni t'appoġġ fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol mid-data li fiha l-benefiċjarju jew il-persuna intitolata minnu/minnha ikun f'pożizzjoni li jagħmel hekk. Talbiet bħal dawn jiġu riveduti mill-Bord tal-Aġenzija fuq Forza Maġġuri u l-benefiċjarju ser jiġi notifkat bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Bord jekk it-talba tiegħu/tagħha ġietx aċċettata jew rifjutata.

Il-formula oriġinali tista' titniżżel mill-websajt tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt u tista' tiġi sottomessa lill-*Front Office*, Il-Pitkalija, Ta' Qali, L/O H'Attard jew fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, L-Għammieri, Il-Marsa jew fl-Uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Farm Sperimentali, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija, Għawdex.

## 22.0 Trasparenza

B'konformità mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija trid tippubblika d-dejta dwar ħlasijiet lill-benefiċjarji fuq il-websajt tagħha fuq bażi regolari. Dan isir biex jiżgura li l-Finanzjament tal-Unjoni Ewropea taħt il-Politika Agrikola Komuni ssir bi trasparenza. Għalhekk, kull dejta ta' ħlas rilevanti jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-Aġenzija u jibqa' onlajn għall-perijodu ta' sentejn. Isem il-Benefiċjarju ser jidher flimkien ma' informazzjoni l-oħra (lokalità, kodiċi postali, dettalji ta' ħlas – miżura, ammont, sena finanzjarja, eċċ.). Huma biss il-Benefiċjarji li ma jirċevux pagamenti li fit-total ma jaqbiżx €1,250 matul sena finanzjarja li jkollhom isimhom mibdul b'kodiċi.

## 23.0 Emenda għal-Linji Gwida

Dawn il-linji gwida jistgħu jiġu emendati kif meħtieġ mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali sabiex dawn il-linji gwida jiġu armonizzati b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE kif ukoll sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-Programm ta' Żvilupp Rurali ta' Malta.

## Anness 1 – Dikjarazzjoni li Takkumpanja l-Aħħar Talba għall-Ħlas

**<INTESTATURA TAL-BENEFIĊJARJU>**

**Miżura:**

**Numru tal-Kuntratt:**

**Isem il-Benefiċjarju:**

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-proġett irregolat bil-Ftehim tal-Għotja <daħħal in-numru tal-kuntratt> u kull addenda rispettiva ġie mitmum. Jiena niddjara wkoll li x-xogħlijiet rilevanti ġew kompletati u li l-istrutturi kollha mibnija huma kompletament funzjonali b'konformita mal-iskop tal-proġett approvat. Jiena niddikjara wkoll li kull tagħmir akkwistat bħala parti mill-proġett ġie installat, ikkommissjonat, huwa kompletament funzjonali u jintuża regolarment.

**<Isem f'Ittri Grassi>**

**<Firma>**

**<Data>**